**4 ta' April**

**Tifkira ta'**

S. SIDOR, ISQOF U DUTTUR TAL-KNISJA

Twieled f'Sevilla, Spanja, madwar is-sena 560; wara l-mewt ta' missieru, ħa ħsieb ħuh Leandro. Sar isqof ta' belt twelidu, kiteb ħafna opri li jixhdu għerfu, u laqqa' u mexxa bosta konċilji fi Spanja, li bis-saħħa tagħhom ħafna ħwejjeġ ġew organizzati bil-għaqal. Miet fis-sena 636.

Mill-Komun tar-rgħajja ta' l-Erwieħ... jew tad-dutturi tal-Knisja...

**Fit-Tifħir ta' sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Il-bnedmin bil-għaqal ikollhom fuqhom dija bħal dik tas-sema, u dawk li jkunu wasslu 'l ħafna fis-sewwa jkunu jiddu bħal kwiekeb għal dejjem ta' dejjem. (Ż.Għ. hallelujah).

Talba

Agħti widen, Mulej, għat-talb li qegħdin nagħmlulek fit-tifkira ta' San Sidor, biex, bħalma hu kien ta' fejda kbira għall-Knisja bit-tagħlim qaddis tiegħu, hekk ukoll ikun ta' għajnuna għaliha bit-talb tiegħu. B'Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant. ta' Marija San Sidor, mgħallem tassew għaref u dawl tal-Knisja imqaddsa, itlob lill-Iben ta' Alla għalina, int li ħabbejt il-liġi tal-Mulej. (Ż.Għ. hallelujah).